

Brussell, 30 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13021/25
PV CONS 45
ENV 863
CLIMA 352
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
18 ta' Settembru 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 12615/25.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

12648/25 + COR 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

12649/25

Affarijiet Ġenerali

1. Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu



12552/25
+ ADD 1-2
PE-CONS 35/25
COH

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-17.9.2025

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 175, 177, 178 u 322 TFUE), bl-Iżvezja u l-Finlandja jivvotaw kontra u l-Bulgarija tastjeni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

2. **Regolament li jemenda r-Regolament 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+) fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-17.9.2025

1**C** 12553/25
+ ADD 1-2
PE-CONS 36/25
COH

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 164, 175, 177 u 322 TFUE), bl-Iżvezja u l-Finlandja jivvotaw kontra u l-Bulgarija tastjeni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Emenda fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima**
Rapport ta' progress
Dibattitu ta' orjentazzjoni

1**C** 12790/25

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza u kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni tal-UE bil-ħsieb tal-preżentazzjoni ta' Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) mill-UE lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)
Approvazzjoni

12792/25

-
- 1** L-ewwel qari
- C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislativi li jinsabu fid-dokument 12649/25**Dwar il-punt "A"
nru 1:**

Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu
Adozzjoni tal-att leġislativ

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huwa importanti ħafna għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tifhem l-intenzjoni tal-koleġislaturi li jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tiżgura li l-Istat tad-Dritt jinżamm fl-implimentazzjoni tal-Fondi u se tivvaluta kwalunkwe talba għal emendi tal-programm f'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BELĠJU, L-IRLANDA, IL-LUSSEMBURGU, IN-NETHERLANDS U L-AWSTRIJA

"In-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, il-Lussemburgu u l-Irlanda jissottolinjaw li r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huwa indispensabbli għall-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, inkluż fl-użu responsabbli tar-riżorsi komuni inklużi fir-rieżami ta' nofs it-terminu. Aħna nilqgħu t-test imtejjeb tal-premessa 4 u ż-żieda ta' Artikolu 3 (JTF u FEŻR/FK) u l-Artikolu 2 (FSE+) iddedikati rispettivament dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Madankollu, jiddispijain li din id-dispożizzjoni teskludi l-ammont ta' flessibbiltà, peress li dan jista' jirriżulta fir-rilaxx parzjali ta' fondi sospiżi wara valutazzjoni negattiva mill-Kummissjoni bbażata fuq l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet abilitanti orizzontali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/1060. Fid-dawl ta' dan, u għall-fini ta' konsistenza, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, il-Lussemburgu u l-Irlanda jenfasizzaw il-hteġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet xierqa, mingħajr eżenzjonijiet, f'regolamenti futuri għall-fondi kollha li għalihom japplika r-Regolament (UE) 2021/1060, kif ukoll ir-regolamenti rilevanti għall-QFP li jmiss."

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Għalkemm ir-Repubblika tal-Bulgarija ma għandhiex fruntiera fuq l-art diretta mal-Ukrajna, mal-Belarus, jew mar-Russja, il-pożizzjoni strateġika tagħha fil-fruntiera esterna tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea, tul il-Baħar l-Iswed, tpoġġiha definittivament fiż-żona milquta mill-impatti negattivi multipli u aggravanti tal-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna.

Ir-reġjun tal-Baħar l-Iswed qed ikun dejjem aktar espost għal riskji sinifikanti għas-sigurtà, tfixkil ekonomiku u ekoloġiku, u vulnerabbiltajiet strateġiċi akbar. Dawn l-effetti konsegwenzjali tal-kunflitt għandhom impatt dirett u tanġibbli fuq ir-reġjuni tal-Lvant tal-Bulgarija.

F'dan il-kuntest, il-Bulgarija ssostni bil-qawwa li r-reġjuni tal-Baħar l-Iswed għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal reġjuni li jmissu direttament mal-Ukrajna, il-Belarus, jew ir-Russja għall-finijiet ta' miżuri leġiżlattivi u ta' programmazzjoni rilevanti.

Din il-pożizzjoni hija allinjata bis-siġh mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Mejju 2025, "L-approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed", li tenfasizza l-ħtieġa għal rispons komprensiv u kkoordinat tal-UE, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza ġeostrateġika tal-Baħar l-Iswed għall-Unjoni kollha kemm hi."

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' standards għoljin fil-proċess ta' għażla għall-benefiċjarji li joperaw fis-settur tad-difiża minħabba n-natura sensittiva tad-data u l-informazzjoni pproċessata.

Madankollu, hija tal-fehma li l-kriterji tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) ma għandhomx ikunu l-punt ta' referenza ewlieni sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' għażla preġudikata. Strumenti oħra tad-difiża tal-UE, bħall-EDIRPA u l-ASAP, joffru kriterji tal-għażla alternattivi, iżda ugwalment affidabbli, għall-benefiċjarji tal-interventi appoġġati mill-fondi ta' koeżjoni. L-Italja għalhekk tħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra dan ir-riskju u tippermetti wkoll kriterji affidabbli oħra biex jiggwidaw l-għażla tal-benefiċjarji għal proġetti appoġġati taħt il-prijorità tad-difiża, fl-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs it-terminu."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu (il-punt 6b), li jappellaw lill-Kummissjoni biex tipproponi sorsi ta' finanzjament addizzjonali fil-livell tal-UE għad-difiża, inkluż permezz ta' possibbiltajiet u inċentivi addizzjonali offruti lill-Istati Membri kollha fl-użu tal-allokazzjonijiet attwali tagħhom, f'konformità mal-prinċipji ta' trattament ugwali, oġġettività u nondiskriminazzjoni.

L-Ungerija ma topponix l-adozzjoni tar-Regolament, madankollu, tqis li l-Artikolu 3 mhuwiex konformi ma' dawn il-prinċipji, peress li jirrestrinġu l-kapaċità tal-Istati Membri li jiddeċiedu kif jużaw l-allokazzjonijiet attwali tagħhom.

Barra minn hekk, il-kundizzjonalitajiet 2021-2027, inkluż il-kundizzjonijiet abilitanti, ġew adottati bħala parti mill-ftehim usa' dwar il-QFP. Il-proposta attwali temenda dan il-qafas f'nofs il-perjodu, u toħloq inċertezza legali u politika, u ma għandhiex tistabbilixxi preċedent għall-futur."

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Regolament li jemenda r-Regolament 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+) fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huwa importanti ħafna għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tifhem l-intenzjoni tal-koleġislaturi li jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tiżgura li l-Istat tad-Dritt jinżamm fl-implimentazzjoni tal-Fondi u se tivvaluta kwalunkwe talba għal emendi tal-programm f'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu."

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Għalkemm ir-Repubblika tal-Bulgarija ma għandhiex fruntiera fuq l-art diretta mal-Ukrajna, mal-Belarusja, jew mar-Russja, il-pożizzjoni strateġika tagħha fil-fruntiera esterna tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea, tul il-Baħar l-Iswed, tpoġġiha definittivament fiż-żona milquta mill-impatti negattivi multipli u aggravanti tal-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna.

Ir-reġjun tal-Baħar l-Iswed qed ikun dejjem aktar espost għal riskji sinifikanti għas-sigurtà, tfixkil ekonomiku u ekoloġiku, u vulnerabbiltajiet strateġiċi akbar. Dawn l-effetti konsegwenzjali tal-kunflitt għandhom impatt dirett u tanġibbli fuq ir-reġjuni tal-Lvant tal-Bulgarija.

F'dan il-kuntest, il-Bulgarija ssostni bil-qawwa li r-reġjuni tal-Baħar l-Iswed għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal reġjuni li jmissu direttament mal-Ukrajna, il-Belarusja, jew ir-Russja għall-finijiet ta' miżuri leġiżlattivi u ta' programmazzjoni rilevanti.

Din il-pożizzjoni hija allinjata bis-siġh mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Mejju 2025, "*L-approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed*", li tenfasizza l-ħtieġa għal rispons komprensiv u kkoordinat tal-UE, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza ġeostrateġika tal-Baħar l-Iswed għall-Unjoni kollha kemm hi."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu (il-punt 6b), li jappellaw lill-Kummissjoni biex tippromovi sorsi ta' finanzjament addizzjonali fil-livell tal-UE għad-difiża, inkluż permezz ta' possibbiltajiet u inċentivi addizzjonali offriti lill-Istati Membri kollha fl-użu tal-allokazzjonijiet attwali tagħhom, f'konformità mal-prinċipji ta' trattament uguali, oġġettività u nondiskriminazzjoni.

L-Ungerija ma topponix l-adozzjoni tar-Regolament, madankollu, tqis li l-Artikolu 2 mhuwiex konformi ma' dawn il-prinċipji, peress li jirrestrinġu l-kapaċità tal-Istati Membri li jiddeċiedu kif jużaw l-allokazzjonijiet attwali tagħhom.

Barra minn hekk, il-kundizzjonalitajiet 2021-2027, inkluż il-kundizzjonijiet abilitanti, ġew adottati bħala parti mill-ftehim usa' dwar il-QFP. Il-proposta attwali temenda dan il-qafas f'nofs il-perjodu, u toħloq inċertezza legali u politika, u ma għandhiex tistabbilixxi preċedent għall-futur."